# IL-MAGHMUDIJA TA' KRISTU F'SAN GWANN

**Illum kelli nkompli l-artiklu li bdejt "Dokument Importanti", iżda ddeċidejt li dan nagħmlu darb'oħra, biex illum ngħidilkom xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-festa ta' għada — il-Magħmudija ta' Kristu minn San Ġwann Battista.**

**Din il-festa ma tistax ma tfakkarniex fil-Knisja Konkatedrali ta' San Ġwann, li nbniet fl-1573-77 mill-Grammastru Ġwanni de la Cassiere bħala "il-Knisja Konventwali Ewlenija tal-Ordni Ġerosolmitan", li kellu bħala Patrun tiegħu lil San Ġwann Battista.**

*Minn Mons. Prof. A. Bonnici*

### Il-kwadru ta' Mateo Perez

Għalhekk fil-bidu, il-Kor tal-knisja kien imsebbaħ bi kwadru kbir u artistiku impitter minn Mateo Perez de Alessio (1542-1600), li kien skular ta' Mikelanġlu. Mateo Perez pitter ukoll xeni tal-Assedju l-Kbir fis-sala tal-Kapitlu fil-Palazz Maġisterjali, li llum tissejjaħ is-Sala ta' San Mikiel u San Ġorġ.

Il-kwadru tal-kor li semmejna u li llum qiegħed fis-Sagristija juri lil Kristu b'riġlejh fix-xmara tal-Gordan f'qagħda devota għarkubbtejh u b'idejh marbutin. Żewġ anġli iżommulu l-libsa, waqt li San Gwann, b'arzella f'idu, qiegħed igħammdu. Li Spirtu s-Santu, taħt sura ta' ħamiema, u l-Missier Etern jitfaċċaw mis-Sema. Mara (il-Madonna?) għarkubbtejha qegħda tħares.

Dan il-Kor baqa' jsebbaħ il-Kor ta' San Gwann sakemm ma tneħħiex biex tela' minn floku il-grupp ta' rħam, huwa wkoll jirrappreżenta l-Magħmudija ta' Kristu minn San Gwann. L-istorja ta' dan il-grupp, kif insibuha fil-ktieb magħruf "The Church of St. John in Valletta" miktub minn Sir Hannibal Scicluna, hija din.

### Riedu jsebbħu n-niċċa tal-Kor

Fl-1664, il-Grammastru Nikola Cottoner flimkien mal-Kunsill tal-Ordni ddeċidew li jżejnu n-niċċa filqiegħ tal-Kor tal-Knisja Ewlenija tagħhom. Xtaqu li jsir disinn xieraq jew mill-Bernini, l-arkitett u skultur l-aktar imsemmi ta' dak iż-żmien, jew minn xi artista magħruf ieħor f'Ruma, u li x-xogħol isir hawn Malta.

Dik il-ħabta kien qed jaħdem f'Ruma l-artista Malti Melkjor Gafa', li, skond il-Baldinucci, kien l-aħjar skular tal-magħruf skultur Ercole Ferrata, u bniedem tal-għaġeb fil-mudellar. Għalhekk dan ġie nkarigat li jagħmel ix-xogħol.

Fit-12 ta' Settembru 1665, il-Prokuratur tal-knisja u l-Kummissarju għat-tiżjin tagħha ssuġġerew lill-Grammastru u lill-Kunsill tiegħu biex isejħu f'Malta lill-Gafa', ħalli jadatta d-disinji tiegħu għal post. Kollox kellu jsir a spejjeż tal-Ordni.

Gafa' ġie Malta; iltaqa' ma' Mattija Preti, il-pittur tal-volta ta' San Gwann, u ma' Blander, artist li ma naf ngħid xejn fuqu, biex jagħtu rapport dwar id-disinn. Saru tliet disinji u, skond dak li ntagħżel, in-niċċa kellha tibda mill-paviment tal-knisja bit-tqegħid ta' erba' targiet ta' rħam li jwasslu għall-artal, li kellu jkollu l-quddiem tiegħu miksi bi rħam ruman msejjaħ "breccia di Cottonella", u fin-nofs medaljun tal-metall indurat, li juri jew il-predikazzjoni jew il-qtugħ ir-ras ta' San Gwann.

Mal-ġnub kellhom jidhru l-armi tar-Reliġjon u tal-Grammastru Cottoner. L-artal kellu jkollu skannelli ta' rħam abjad u iswed għall-kandlieri, u minn warajh kellu jitla' pedistall minqux li fuqu kellu jitqiegħed il-grupp tal-Magħmudija — San Ġwann qed jgħammed lil Kristu u anġlu ma' 'kull naħa. L-istatwi kellhom isiru ta' rħam, u, biex jaqtgħu aktar, il-ftit il-bies tagħhom kellu jiġi ndurat. Fuq il-grupp kellha titqiegħed raġġiera kbira bl-Ispirtu s-Santu taħt sura ta' ħamiema u kotra anġli madwarha.

Indurata, dik ir-raġġiera kellha tagħmel dehra l-aktar sabieħa. Motiv ta' rħam griż kellu jdur madwar in-niċċa. Mid-dehra, Gafà kien ippropona żewġ statwi ta' S. Pietru u S. Pawl filġnub tan-niċċa tal-kor. Ir-rapport ġied li dawn ma jsirux. Ix-xogħol kellu jsir Ruma taħt it-tmexxija ta' Gafà, fi żmien 3 snin, u kellu jqum 15,000 skud ruman.

### Gafà onorat jibda x-xogħol u jmut

Il-Granmastru u l-Kunsill ordnaw li jinbeda x-xogħol. Gafà ġie onorat mill-Ordni u mogħti katina u midalja tad-deheb bixxbiha tal-Grammastru, li qamet 100 dublun malti.

Dan reġa' lura Ruma u beda x-xogħol. Kif ġielu suġġerit ,l-ewwel inħadmet niċċa tal-injam bħal u daqs dik ta' San Ġwann; imbagħad saru mudelli kbar tal-istatwi fit-tafal, biex jinkixfu d-difetti li setgħa jkun hemm fil-proġett jew fil-mudell iż-żgħir, qabel ma jinħadem fir-rħam. Disgrazzjament ,meta ntemm dak ix-xogħol, intemm miegħu Melkjor Gafà, meta kien għad kellu 32 sena. "Telfa traġika ,igħid Sir Hannibal, għad-dinja tal-arti u għal art twelidu".

L-ordni ġiegħel lill-Ambaxxatur tal-Ordni u r-Riċevitur f'Ruma jieħdu taħt idejhom dawk il-mudelli u jaraw x'kien l-aħjar: jibgħatuhom Malta jew ibiegħuhom Ruma? Il-mudelli baqgħu fil-fonderija ta' San Pietru f'Ruma sal-1681.

Għaddew sitt snin u x-xogħol tan-niċċa ta' San Ġwann ma ssemmiex aktar. Fl-1673 ,taħt il-Grammastru Gregorju Carafa, ġie deċiż li jinbeda x-xogħol tal-artal tal-kor. Għalkemm ix-xogħol ma nbediex fi żmienu, huwa ħalla somma kbira ta' flus biex jitwettaq. Ix-xogħol sar u ntemm fi żmien il-Grammastru Ramon Perellos. Għalhekk, il-lum, fil-bażi tal-pilastri tal-Kor ta' San Ġwann naraw l-armi tal-Ordni u taż-żewġ Grammastri Carafa u Perellos.

Ma nistax nifhem għaliex ġew imsejħa Malta artisti oħra u mitlubin jagħmlu disinji oħra tan-niċċa. Fost tliet disinji ppreżentati ingħażel dak magħmul minn patri ġiżwita "għas-simmetrija eċċellenti u manjifika tiegħu, u għall-konformità mal-post u għas-sbuħija superba tiegħu".

Fit-2 ta' Diċembru 1695, Grammastru u Kunsill aċ-

**(Ikompli fil-paġna 4.)**

# Il-Maghmudija ta' Kristu f'San Gwann

(Jaqbad mill-pagna 3)

ċettaw ir-rapport. Sar mudell shieh tal-injam u tqiegħed fil-kor bi prova. Dak il-mudell ma nogħġobx mill-pubbliku u x-xogħol waqaf hemm.

L-Ordni qabbad lil Lorenzu Gafà, ħu Melkjor u arkitett tal-istess Ordni, jagħmel disinn ieħor. Dan sar u nogħġob. Ġie deċiż li l-istatwi jsiru tal-fidda.

### Il-G.M. Perellos ma felaħx jistenna

Għal sentejn shah ix-xogħol ma nbediex. Fl-aħħar, il-Grammastru Perellos ma felaħx jistenna aktar u l-Kunsill kellu jiddeċiedi li jinbeda x-xogħol fuq il-mudell ta Lorenzu Gafà: biss l-istatwi kellhom ikunu ta' rħam u mhux tal-fidda. L-artista intbghat Ruma biex ix-xogħol isir taħt it-tmexxija tiegħu.

Min skolpiixxa l-istatwi tal-Magħmudija ta' Kristu li naraw illum? Milli għidna, ma setgħax skolpihom Melkjor Gafà, kif għal żmien twil kien jinħaseb. Illum nafu li l-iskultur kien Ġużeppi Mazzuoli, li twieled fi Sjena (Italja) fl-1644 u kien magħdud l-aħjar skultur ta' żmienu. Il-grupp statwarju tal-Magħmudija (biċċa rħama waħda bajda) tqiegħed fil-post aktar minn 50 sena wara l-mewt ta' Melkjor Gafà.

Ejjew nagħtu ħarsa lejn dan il-grupp: Kristu wieqaf f'qagħda devota, idejh fuq sidru, jistenna lil San Ġwann isawwablu fuq rasu b'arzella l-ilma tal-Magħmudija; anġlu ħdejn Kristu qed iżommlu l-libsa; fuqhom. li Spirtu s-Santu jidher f'sura ta' ħamiema ġo raġġiera tal-bronż indurat, maħduma fl-1703 minn Ġwanni Giardini minn Forli (Italja). L-induratura tagħha, illum, tista' tgħid spiċċat għal kollox. Kemm tkun sabieħa kieku wieħed kellu jerġa' jinduraha. Uħud igħidu li nduratura ġdida tmur kontra s-sens artistiku, għax il-ħaġa tiġi bħala ġdida u titlef il-valur qadim tagħha. Imma, ngħid jiena, kieku kellha tingħata nduratura ħafifa fil-partijiet riżaltati biss ,tispiċċa wkoll l-antikità?

X'sar mill-mudelli ta' Melkjor Gafà? Ġa għidna li l-istatwi l-kbar baqgħu fil-Vatikan sal-1681. Wara, ma nafx x'sar minnhom. Igħidilna Sir Hannibal, fil-Vatikan hemm mudell ċkejken, kopja tal-mudell kbir ta' Melkjor, u jġib id-data tal-mewt ta' Melkjor Gafà. Dan kien, qabel, fil-Biblijoteka Chigiana. M'hiex ħaġa kbira li hu l-mudell oriġinali.

Riproduzzjoni oħra, fil-bronż, tinsab fl-Isptar ta' Pirano fl-Italja, kif turi li skrizzjoni ta' taħtu. Hemm kopji oħra fil-"Galleria d'arte Antica di Roma", fil-Palazzo Corsini, Ruma, u oħra fil-kollezzjoni Arspets fi Vjenna.

### Pitturi u skulturi oħra tal-Magħmudija

Biex inkunu tħadditna fuq ix-xbihat kollha tal-Magħmudija ta' Kristu f'San Ġwann insemmu l-ewwel dik tal-volta jew tas-saqaf tal-knisja, impittra minn Mattija Preti. Fiha naraw lil Kristu għarkoptejh fuq riġel waħda jistenna devot lil San Ġwann igħammdu; nies qegħdin iħarsu mistagħġbin għal dak li kienu qegħdin jaraw u jisimgħu nieżel mis-Sema, fejn jidhru anġli qegħdin jittajru madwar il-Missier Etern u l-Ispirtu s-Santu.

Imbagħad insemmu l-kwadru li wieħed jara fl-atriju qabel tidħol fl-Oratorju. Dan il-kwadru tal-Magħmudija ta' Kristu jixbaħ ħafna lil dak tas-Sagristija; anzi jiena naraħ ispirat għal kollox minnu. Biss fil-parti t'isfel wieħed jilmaħ man-naħa tax-xellug xbiha ta' kavallier qed jitlob u fin-naħa l-oħra l-arma nobiljari tal-Gran Prijur Pietru Urrea Camarasa.

Flaħħarnett u b'din nagħlqu l-artiklu: Fil-kor ta' San Ġwann hemm leġiju tal-injam bil-bażi kwadra; fil-faċċata li tħares lejn l-artal ta' ġewwa hemm skultura ta' San Ġwann qed igħammed lil Kristu. Nies li jifhmu kemm-il darba faħħruhieli meta kont indawwarhom San Ġwann.